Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

# Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 28

**Data:** Il-Ħamis, 19 ta' Diċembru 2019
**Ħin:** 17:30
**Post:** L-Uffiċini tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-Marsa

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**28.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 27**

28.1.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.27.

28.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva li l-minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.27 kif preżentati.

**28.2 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 27**

| | |
|---|---|
| **28.2.1 EU Funds Officers** | Il-President semma li wara l-komunikazzjoni li kienet għaddiet bejn il-partijiet ikkonċernati, skond komunikazzjoni maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, jidher li l-uffiċċjali ser ikunu qegħdin jiġu ingaġġati. |
| **28.2.2 Riċeviment tal-Milied għas-Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema** | Il-President semma li kienu irreġistraw madwar 100 persuna u fakkar li r-riċeviment kien ser issir il-Ġimgħa, 27 ta' Diċembru ġewwa The Fortress Builders, il-Belt Valletta. |
| **28.2.3 Fondi tal-LESA għall-attivitajiet kulturali** | Il-President semma li fil-bidu tas-sena 2020 ser ikun qed jiddiskuti mal-LESA sabiex jiġi trasferit l-aħħar pagament taħt din l-iskema lill-Kunsilli Reġjonali u l-Kusilli Lokali. |
| **28.2.4 Kungress CEMR** | Il-President semma li aktar kmieni f' Diċembru ltaqa' mal-President ta' CEMR ġewwa Brussel u ġiet diskussa l-possibilita' li għall-ewwel darba Malta torganizza l-kungress ta' CEMR. Il-President semma li minħabba l-ispazji meħtieġa anki peress li jkunu mistennija jattendu mal-elf parteċipant hemm bżonn li jsiru diskussjonijiet mal-Gvern Ċentrali u mal-Ministri kkonċernati. Semma li minħabba anki dak li għaddej politikament bħal issa din mhux ser tkun faċli biex tiġi kkordinata. Is-Sur Michael Fenech Adami semma li jkun interessanti li r-Reġjuni jkunu involuti fl-organizzazzjoni u anki jagħtu l-kontribut finanzjarju tagħhom. |

28.2.3 Is-Sur Anthony Mifsud daħal għal-laqgħa fis-18:15

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**28.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 28**

28.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Anthony Mifsud u s-Sur Jesmond Aquilina ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-19 ta' Novembru 2019 u u d-19 ta' Diċembru 2019 li kienet tammonta għall-€84.183.22.

**28.4 Intervisti għall-postijiet vakanti mal-AKL**

28.4.1 Il-President semma li għall-postijiet vakanti mal-Assoċjazzjoni kienu applikaw Kunsilliera u għaldaqstant il-Board kien iddeċieda li għandu jinforma lid-Direttur Ġenerali sabiex ikun hemm emenda fil-liġi li tipprojbixxi dawn l-istanzi. Semma li Kunsillier huwa eliġibbli li japplika sakemm dan jiddikjara bil-quddiem li ser ikunu qed jirreżenja mill-pożizzjoni tiegħu fil-Kunsill Lokali rispettiv jekk kemm il-darba jkun magħżul. Korrispondenza annessa u immarkata bħala DOK A.

28.4.2 Il-President semma li għaldaqstant ser ikollhom jerġgħu joħorġu l-postijiet vakanti sabiex forsi jiġu sottomessi aktra applikazzjonijiet.

28.4.3 Għaldaqstant, il-President talab lis-Segretraja sabiex terġa' tippubblika l-postijiet vakanti ta' Assistent Prinċipal Skala 11 u Uffiċjali Eżekuttiv Skala 13.

**28.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Performance Appraisals tal-Ħaddiema tal-Assoċjazzjoni**

28.5.1 Is-Segretarja intalbet li tiġi skużata sabiex l-Eżekuttiv ikun jista' jiddiskuti l-Appraisals tal-ħaddiema inkluż tas-Segretarja li ġew ippreżentati.

28.5.2 Is-Segretarja intalbet biex terġa' tidħol għal-laqgħa.

28.5.3 Il-President informa lis-Segretarja li l-Eżekuttiv approva l-Appraisals tal-ħaddiema hekk kif kienu preżentati.

28.5.4 Il-President semma wkoll li l-Eżekuttiv qabel li l-leave ta' impjegati li ma ntużax fis-sena 2019 għandu jiġi trasferit biss l-ammont dovut skond il-liġi għas-sena 2020, id-differenza ta' siegħat għandhom jiġu mħalsa lill-impjegat rispettiv.

**28.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Proposti Fondi tal-LESA Reġjun Tramuntana**

28.6.1 Il-President ressaq għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Eżekuttiv il-proposta ta' inizjattiva kulturali hekk kif sottomessi mir-Reġjun Tramuntana wara li r-Reġjun intalab li għandu jemenda l-proposta wara l-ewwel sottomissjoni.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

28.6.2 Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li għandu jittieħed vot. Is-Sur Mifsud astjena milli jivvota peress li kellu kunflitt ta' interess. Il-proposta ġiet approvata b' 4 voti favur, 2 voti kontra u żewġ asstenzjonijiet.

**28.7 Finanzjament għall-taħriġ mogħti lill-Membri Eletti**

28.7.1 Il-President semma li kien għaddej b' taħdidiet mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u mas-Sur Robert Tabone Head EU & International Affairs sabiex jiġu allokati fondi li jgħaddu lill-Assoċjazzjoni sabiex isir taħriġ lill-Membri Eletti.

28.7.2 Il-President semma li fil-bidu tas-sena 2020 ser ikun qed jitħejji MoU sabiex jikkonferma dan il-finanzjament.

**28.8 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **28.8.1 Ħaddiem mill-iskema CIES** | Il-President semma li hekk kif kien semma f' laqgħat preċidenti, l-Assoċjazzjoni ssottomettit l-applikazzjoni tagħha għall-skema li kienet ħarġet mid-Diviżjoni sabiex jiġi allokat ħaddiem mill-iskema CIES. L-Assoċjazzjoni kwalifikat għal din l-iskema u għaldaqstant ser ikunu qed jitkomplew il-proċeduri biex dan il-ħaddiem jiġi ingaġġat mal-Assoċjazzjoni. |
| **28.8.2 Account ġdid mal-APS** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ser tiftaħ kont bankarju ieħor sabiex fih jitpoġġew fondi li jkunu daħlu minn skemi li l-AKL tkun applikat għalihom. |
| **28.8.3 Iffirmar ta' MoU ma' CRPD** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet iffirmat MoU ma' CRPD li dan kien ġie ppreżentat waqt laqgħa tal-Eżekuttiv preċedenti.<br>Is-Sur Joseph Cordina xtaq jirrimarka li huwa jaqbel ferm ma' l-inklużjoni imma jixtieq jenfasizza li CRPD għandha tkun raġonevoli fir-rekwiżiti li qed titlob li jkun hemm anki fi spazji ta' kummerċ ferm żgħar. Chev. Paul Farrugia ssekonda l-kummenti li għadda s-Sur Joseph Cordina. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa. MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **28.8.4 ERASMUS+** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qed tħejji brief tal-proġett li ser ikun qed jiġi preżentat fil-laqgħa tal-Eżekuttiv ta' Jannar 2020. |

28.8.5 Is-Sur Anthony Mifsud talab li jiġi skużat fis-19:15

| | |
|---|---|
| **28.8.6 Membership CEMR** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni rċeviet li għandha tħallas l-membership ta' CEMR. L-Eżekuttiv approva li din għandha titħallas. |
| **28.8.7 Membership ALDA** | Il-President propona li l-Assoċjazzjoni terġa' tibda tħallas l-membership tal-ALDA. L-Eżekuttiv qabel li din għandha terġa' tibda titħallas. |
| **28.8.8 Membership ECAD** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni rċeviet li għandha tħallas l-membership ta' ECAD. L-Eżekuttiv approva li din għandha titħallas. |
| - **28.8.9 Water and Energy Agency** | Il-President semma li kellu laqgħa mal-uffiċjali tal-Aġenzija. Semma li dawn kienu anki mistiedna fil-Laqgħa Plenarja t' Ottubru 2019. Il-President semma li għaddha lill-Aġenzija l-kuntatti tal-Kunsilli Reġjonali sabiex kull Reġjun ikun jista' jiltaqa' mal-Aġenzija sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu infurmati dwar skema li l-Aġenzija ser tkun qed tnidi. |
| **28.8.10 Seminar dwar l-Integrazzjoni** | Il-President semma li kien qed jiltaqa' mas-Sur Alex Tortell mid-Direttorat għall-Integrazzjoni sabiex jiġi organizzat seminar nhar l-25 t' April 2020. Il-president semma li għandu jkun hemm involviment tal-Kunsilli Reġjonali sabiex jiġi mħaddem il-Local Integration Charter. |
| **28.8.11 Ikla tal-Milied tal-Eżekuttiv** | Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li għandha ssir ikla nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar 2020 ġewwa Għawdex u qabel l-ikla jekk ikun hemm qbil tista' issir il-laqgħa tal-Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel dak li ġie propost. |
| **28.8.12 FAR** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tiddisponi minn tliet arbli li kienu jintużaw fis-sala tal-Assoċjazzjoni. |

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**28.9 Stqarrija maħruġa mill-AKL**

28.9.1 Il-President semma li l-istaqrrija li ħarġet mhux talli mhux qed ikun partiġjan imma fejn qed isemmi li n-nazzjon huwa maqsum u għaldaqstant għandha tissaħaħ il-fiduċja fl-istuzzjonijiet.

28.9.2 Dr. Samuel Azzopardi semma li mhux qed jallega li l-istqarrija ħarġet b' xi intenzjoni oltre minn dik li qed isemmi l-President. Saħaq li l-punt bħala Partit li huwa rappreżentat f' Assoċjazzjoni dehrlu li indaħlet f' kontestazzjoni ta' Partit ieħor. Semma li kieku il-kandidat imsemmi b' ismu kien Prim Ministru ma kien issib l-ebda diffikulta' biex japprova din.

28.9.3 Il-President semma li l-istqarrija li ħarġet mil-PN għall-risposta tal-istqarrija maħruġa mill-AKL ma semma l-ebda punt li kien fiha l-istqarrija maħruġa.

28.9.4 Is-Sur Aquilina semma li qabel tinħareġ stqarrija din għandha tiġi ikkumikata mal-Eżekuttiv.

28.9.5 Ir-risposta tal-President għall-istqarrija maħruġa tinsab annessa u mmarkata bħala DOK B.

**28.10 Affarjiet Oħrajn**

28.10.1 Chev. Paul Farrugia semma li bħala Reġjun Xlokk mhux qed isib koperazzjoni mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien. Chev. Farrugia rrimarka li mill-iskema tal-bins li r-Reġjun nieda mal-Kunsilli Lokali li jappartjenu lill-istess Reġjun, kien biss il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien li ma pparteċipax.

**28.11 Aġġornament**

28.11.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tminja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar 2020 fis-sitta ta' filgħaxija ġewwa r-Reġjun Għawdex.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Lianne Mifsud**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.29 li nżammet nhar il-Ġimgħa 17 ta' Jannar 2020.

**Mario Fava**
**President**

Dok A.

## Lianne Mifsud

| | |
|---|---|
| **From:** | Mario Fava <mariofava16@gmail.com> |
| **Sent:** | 06 December 2019 22:18 |
| **To:** | Zammit Maria at Local Government; Bonello Margaret at Local Government; Galea Christopher at Local Government; Attard Natalino at Local Government; Lianne Mifsud; LCA |
| **Subject:** | Kjarifikazzjoni - Postijiet Vakanti AKL |
| **Attachments:** | image003.jpg |

Direttur Generali
Direttur
Sra Zammit
Sra Bonello

Irrid naghmel referenza ghat-twegiba li tidher hawn taht u nixtieq inressaq dawn il-punt, li fl-opinjoni tieghi jiskwalifikaw kull Kunsillier milli jkun jokkupa kariga ta' xoghol fi hdan l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali.

L-ewwel Osservazzjoni

Legislazzjoni Sussidjarja 363.06, illi titratta t-twaqqif tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali, f' Taqsima II (4) titkellem fuq it-twaqqif tal-Kumitat Ezekuttiv u li l-Kunsilliera kollha huma eligibbli li japplikaw u jikkontestaw dawn il-karigi. Mhux qed nifhem kif Impjegat tal-Assocjazzjoni, jista potenzjalment ikun allura eliggibli li jikkontesta wkoll post fl-Ezekuttiv tal-Asscojazzjoni.

It-Tieni Osservazzjoni

L-istess artiklu jitkellem kif kull nomina ghandha tkun imressqa quddiem il-Kummissjoni Elettorali u tali nomini jridu jkunu iffirmati minn Kunsilliera eletti bhala proponent u sekondanti. Ifisser li potenzjalment, jew impjegat tal-Assocjazzjoni jista jkun qed iressaq nomina ta' Kunsillier iehor biex ikun l-employer tieghu bhala membnru tal-Ezeuttiv, jew inkella se ncahduhom milli jaghmlu uzu minn dan id-dritt ghaliex ma jkunx jista jinnomina lil hadd.

It-Tielet Osservazzjoni

Il-Kunsilliera kollha ghandhom id-dritt u obbligu li jivvutaw sabiex jahtru l-Ezekuttiv taghhom, inkluz il-President. Kif jistghu jaghmlu dan fl-eventwalita li dawn huma wkoll impjegati tal-Assocjazzjoni u l-istess Ezekuttiv li huma iridu jivvutaw ghalih? X' liberta morali se jkollhom il-membri tal-Ezekuttiv sabiex jiehdu passi, jekk ikun hemm bzonn, f' kaz li xi impjegat li jkun ivvota lilhom ma jkunx qed jaqdi d-doveri tieghu bl-ahjar mod, anki jekk l-istess impjegat ikun jirraprezenta l-istess partit bhala Kunsillier li jkun qed jirraprezenta l-membru tal-Ezekuttiv?

Ir-Raba' Osservazzjoni

Impjegat fi skala 11, jista u ghandu jagixxi ta' deputat Segretarju Ezekuttiv biex jaqdi l-funzjonijiet tas-Segretarju Ezekuttiv fin-nuqqas ta' dan tal-ahhar. Kif jista' jkollok deputat Segretarju Ezekuttiv li jkun ikkontesta elezzjoni ma' Partit Politiku? U jekk se nghidu li dan allura ma jistax ikun jew m'ghandux ikun deputat Segretarju Ezekuttiv, mhux qed niddiskriminaw ma' impjegati ohrajn fl-istess kariga jew skala?

Il-Hames Osservazzjoni

Jekk bil-ligi tal-Kunsilli Lokali, Kunsillier ma jistax japplika ghal xoghol mall-Kunsill rtispettiv tieghu, kif jista' Kunsillier japplika ghal xoghol mall-Assocjazzjoni li tirraprezentah fuq pazi politika?

Is-Sitt Osservazzjoni

Il-haddiema u impjegati tal-Assocjazzjoni, ikollhom access ghal informazzjoni sensittiva li mhux dejjem tohrog fl-immedjat pubblika ghall-konsum tal-Kunsilli Lokali; ezempju, ftehim kollettiv, direttivi etc...Kif jista' jsir kontroll li din it-tali inforamzzjoni ma tohrogx barra u ssir pubblika qabel ma jkun hemm l-approvazzjoni tal-Ezekuttiv? Dan jghoidd ukoll ghall fatt li dak il-Kunsillier li jkun qed jokkupa kariga fi hdan l-Assocjazzjoni, se jkollu access ghal informazzjoni qabel shabu l-Kunsilliera jew Kunsilli Lokali ohrajn li hu jew hi ma tkunx tappartjeni.

Is-Seba' Osservazzjoni

Jekk membru Parlamentari ma jistax ikun impjegat tal-Parlament li hija l-istituzzjoni li trraprezentah, kif jista kunsillier ikun impjegat tal-istituzzjoni li trraprezenta lilu u shabu?

It-Tmien Osservazzjoni

F' kaz ta' passi dixxiplinarji, il-Kunsilliera eletti fl-Ezekuttiv tal-Assocjazzjoni, se jkollhom jiddikkjaraw li ghandhom konflitt ta# interess fil-kaz li l-impjegat ikun kunsillier mall-istess partit li huma wkoll jirraprezentaw? Dan mhux se jgib sitwazzjoni prekarja ghal ahhar fjen se jkollok vot ta' kunsilliera biss li gejjin mill-partit oppost?

Fid-dawl ta' dan kollu, qed nitlob li d-Dipartiment jidhol f' dan il-kaz mill-gdid u b' mod urgenti jaghti direzzjoni jew ghad-direttura issir emenda tal-ligi bl-istess mod li Kunsilliera ma jistghux ikunu mpjegati jew jaghtu servizz lill-Kunsill taghhom.

Filwaqt li nirringrazzjakom tal-hin taghkom, nisma' minghadkom.

Grazzi u tislijiet,

Mario Fava
President

Local Councils' Association
E-mail: mariofava16@gmail.com
Mob: +356 9944 3381

Dok B.

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

## Risposta ghall-Istqarrija tal-PN dwar l-istqarrija li harget l-Assocjazzjoni

Ma nista' naqbel xejn mall-kontenut tal-istqarrija li hareg il-PN dwar l-istqarrija msemmija, fejn l-Assocjazzjoni tkellmet fuq is-sitwazzjoni prezenti u l-fatt li d-Deputat Prim Ministru ghamel referenza ghall-4 pillastri tal-vizjoni tal-Assocjazzjoni, meta habbar l-10 punti tieghu ta' prijorita jekk ikun Prim Ministru.

**Fl-ewwel lok.**

It-Titlu tal-Istqarrija kien; ***Local Councils will help the nation to heal divide and regain trust*** - Iffiser li l-istess Stqarrija turi li l-Assocjazzjoni qed tiehu nota tas-sitwazzjoni xejn tajba li hawn fil-Pajjiz.

**Fit-Tieni lok**

L-introduzzjonital-istqarrija titkellem dwar l-importanza li l-Gvern jahdem vicin tal-Kunsilli Lokali u ssir referenza ghal fatt li l-kandidat li potenzjalment jista' jkun Prim Ministru, qed jirrikonoxxi dan. Dan ghaliex l-elezzjoni li qed taghmel referenza ghaliha l-istqarrija tal-PN mhix biss elezzjoni ta' Mexxej ta' Partit imma wkoll Prim Ministru.

**Fit-Tielet Lok**

L-Istqarrija tal-Assocjazzjoni titkellem car li qed tinnota li l-Vizjoni taghha u l-erba pillastri li hi varat f' Ottubru li ghadda, qed ikunu parti mill-hidma proposta ta' Prim Ministru gdid. F' dan is-sens, l-istqarrija qed tipromwovi l-vizjoni tal-Assocjazzjoni u mhux ta' xi kandidat. Qeghda wkoll tikkommetti ruha li se tkun ghassiesa biex tara' li dak li gie mwieghed isehh.

**Fir-Raba' Lok**

L-istqarrija taghlaq billi tghid li; ***"Especially in such difficult times, Councils have a shared obligation, to bring this nation back together to work for better quality of life in a respectful, inclusive, safe and democratic nation where residents want to live and work and business want to invest in....we look forward to continuing work towards a future of healthy, attractive and vibrant localities to provide the current and future generations beautiful spaces to live, work and relax in"***

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

Ifisser li bl-aktar mod car l-Assocjazzjoni qed tirrikonoxxi d-diffikultajiet li ghaddej minnhom il-Pajjiz u li l-Kunsilli Lokali Lokali jridu jkunu parti importanti biex jaraw li jkun hemm tishih tad-demokrazija.

**Kummenti Konklussivi**

L-istqarrija tal-Assocjazzjoni oltre milli kienet partiggjana jew b' xi mod dahlet fit-tellieqa ta' Mexxej gdid. Pjuttost jekk kelli naqla' kritika, din kellha tigi mill-Partit lejh nappartjeni. Dak allegat li jien b' xi mod ma naggix fl-ahjar interess tal-Kunsilliera, Sindki u Kunsilli Lokali kollha ta' Malta u Ghawdex, inhalli lill-istess Kunsilliera, Sindki u Kunsilli sabiex jaggudikawh.

Mario Fava

President

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Rapport Net TV**

**L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għandha żżomm 'il bogħod minn proċessi interni tal-Partiti Politiċi**

[illegible] 16 ta' Diċembru [illegible]

Ir-rappreżentanti tal-Partit Nazzjonalista fi ħdan l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jiddisassoċjaw ruħhom mill-istqarrija għall-Istampa li ħarget mill-istess Assoċjazzjoni f'dawn l-aħħar ġranet mingħajr il-kunsens tagħhom. Samuel Azzopardi, Graziella Galea, Michael Fenech Adami u Anton Mifsud isostnu li huma la kienu kkonsultati u wisq inqas approvaw sabiex l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali toħrog stqarrija fejn faħħret lil Chris Fearne għal dak li ssejjaħ impenn favur il-Kunsill Lokali.

Huma sostnew li fiċ-ċirkostanzi ta' bħalissa fejn hemm tellieqa għall-ħatra ta' mexxej ġdid fi ħdan il-Partit Laburista huwa assolutament imprudenti li jinħarġu stqarrijiet ta' dan it-tip mill-AKL.

Ir-rappreżentanti tal-Partit Nazzjonalista fi ħdan l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qalu li l-Assoċjazzjoni bħala korp kostitwit bil-liġi u li jħaddan fih kunsillieri lokali li ġejjin minn diversi partiti politiċi għandha tħares lejn dan il-proċess mill-bogħod b'rispett sħiħ lejn il-kunsillieri li tirrappreżenta. Bl-istqarrija tagħha, l-Assoċjazzjoni qed tidher f'dawl ikraħ għaliex qed tingħata l-impressjoni li hemm individwu jew individwi li qed jużaw il-karru tal-istess Assoċjazzjoni sabiex jagħtu vantaġġ u/jew jimbuttaw xi kandidat f'din it-tellieqa a skapitu tal-kontestant l-ieħor.

Ma jkunx ta' ġid u lanqas ma huwa fl-interess tal-Assoċjazzjoni li tidher li qegħda direttament jew indirettament tindaħal f'dan il-proċess suppost demokratiku.

L-erba rappreżentanti tal-PN għalhekk qed jesiġu mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex tħalli dan il-proċess jitmexxa mill-Partit Laburista u ma tidħolx f'din it-tellieqa politika għaliex is-serjetà u l-integrità titlob li l-interessi tal-istess Assoċjazzjoni jkunu 'l fuq minn kull kawża interna ta' partit politiku